# Min Hu l-Fqir fil-Fehma tal-Griegi u r-Rumani u ta' San Tumas t'Akwinu

**Studju ta' Patri Pawl Galea, O.P.**

ARISTOFANI kiteb fil-Ploutos, li l-fqir ma jkollu xejn żejjed, imma lanqas ikun nieqes minn dak li jeħtieġlu (552-554).

Fir-raba' ktieb ta' l-Apomnemonéumata, Xenofon ġieb taħdita bejn Sokrati u Ewtidimu. Għall-mistoqsija ta' Sokrati, min huma l-foqra u min huma l-għonja, Ewtidimu wieġeb li l-foqra huma dawk li ma għandhomx biżżejjed biex jixtru li jridu, waqt li l-għonja għandhom iżjed milli hu biżżejjed.

Wara din it-tweġiba, Sokrati staqsa lil Ewtidimu jekk intebaħx li għal uħud, il-ftit li jkollhom mhux biss hu biżżejjed, imma jfaddlu wkoll, waqt li oħrajn li jkollhom il-ħafna, bilkemm ikunu jistgħu jgħixu. Ewtidimu qabel ma' dan. Għalhekk Sokrati ssokta qal li dawk il-foqra li jkunu faddlu xi ħaġa għandhom jiġu magħdudin ma' l-għonja (II, 37-39). Huwa qal hekk, biex iħawwad lil Ewtidimu.

Fl-ewwel ktieb tat-Teknes Retorikes, Aristotli għallem li l-foqra huma n-nies li jqisu b'meħtieġ dak li mingħajru wieħed ma jgħaddix, waqt li l-għonja huma n-nies li wkoll dak li hu żejjed iqisuh b'meħtieġ (XII, 15).

Fit-tieni ktieb ta' l-Oikonomikon, Aristotli kiteb li meta l-ħakem ta' Sirakuża Djonisju rebaħ il-belt ta' Reġġju, ried li n-nies iħallsuh tal-flus li neffquh biex għamlilhom gwerra, u heddidhom li jekk ma jħallsuhx, huwa jbiegħhom ilsiera. In-nies ġibitlu kull ma kellha maħżun, u l-foqra ssellfu mingħand dawk li kienu jistgħu aktar, u mingħand il-barranin (20).

Fl-Atenaion Politeia, Aristotli kiteb li l-foqra ta' Ateni, u n-nisa tagħhom u wliedhom, kienu jaħdmu f'artijiet imqabblin mingħand il-għonja. Huma kienu jħallsu l-qbiela lis-sidien, u kienu jistgħu jiġu mitfugħin fil-ħabs jekk ma jħallsux. Huma kienu jissejħu klijenti (2).

Fl-ewwel ktieb tal-Politikon, Aristotli kiteb li fi djar il-foqra, il-qaddej hu l-barri. Bih jaħartu (1: 13).

Fil-kitba tal-klassiċi u tal-filosfi griegi, il-fqir hu dak il-bniedem li bl-ingliż jissejjaħ *of small means,* kif wieħed jista' jara fil-Greek-English Lexicon ta' H.G. Liddell u R. Scott, u wkoll fid-*Dictionnaire Etymologique de la Langue Grec avec les autres Langues Indo-Européennes* ta' Boisacq.

Fil-kitba tal-griegi, il-fqir hu *Penês*. Il-verb *penomaia* ifisser taħdem biex taqla x'tiekol.

Il-bidwi ż-żgħir, u dak li t-taljani jsejħulu *piccolo artigiano* huma *Peneis*.

Għall-klassiċi u l-filosfi griegi, il-fqir hu dak li fil-kitba ta' l-Assirjani li nstabet f'Tel el-Amarna, hu msejjaħ *Miskên*.

F'*Economy and Society in Nineteenth Century Britain*, Richard Tames kiteb li fis-seklu tmintax, fl-Ingilterra ma kienux jitkellmu fuq *working class*, imma fuq *the labouring poor*, jew *the poor* (chap. 12). Din hi t-tifsira ta' *Penês* fil-kitba tal-griegi.

* * * *

Il-klassiċi u l-filosfi griegi lill-faqar sejħulu *Penia*, u żammewh b'waħda mill-allat tagħhom nisa.

Fil-wieħed u għoxrin idilja ta' Teokritu, li wħud jaħsbu li hi ta' Leonidas ta' Taranto, *Penia* hi mfaħħra għaliex iġġiegħel lill-bnedmin jaħdmu biex igħixu, u b'hekk tgħallimhom is-snajja.

Aristofani taha din it-tifħira hu wkoll fil-Ploutos. Huwa sejħilha omm is-snajja, u qal li tagħmel li l-bnedmin ikunu ta' ħila f'ġisimhom u f'moħħhom (553-559).

Fid-disgħa u għoxrin ktieb tal-Fisika Problemta, Aristotli staqsa għala *Penia* l-aktar li ssibha hu man-nies sewwa, mhux mal-ħżiena.

Tgħid għaliex in-nies ma taħmilhiex, u għalhekk taħseb li għand in-nies sewwa tista' ssib kenn? Kieku kellha tmur għand il-ħżiena, huma jagħtuha għas-serq, u hi ma tkunx tista' tibqa' magħhom aktar.

Tgħid għaliex, billi mara, hi dgħajfa, u għalhekk teħtieġ il-ħarsien tan-nies sewwa? Flusna aħna għand in-nies sewwa nafdawhom, mhux għand il-ħżiena.

Tgħid għaliex hi ħażina tfittex in-nies sewwa? Kieku kellha tagħmilha mal-ħżiena għaliex hi ħażina, ma jkunx hemm tama li tbiddel ħajjitha (4).

* * * *

Kif fil-grieg hemm l-aġġettiv sostantiv *Penês*, hekk hemm *Plochó*. U kif hemm *Penía*, hekk hemm Ptocheia.

Fil-klassiċi u filosfi griegi, *Ptochós* hu t-tallab, imma, l-ewwelnett, aktar fit-tifsira ta' dak il-faqar li bl-ingliż hu *indigence* u *destitution*, milli fit-tifsira ta' tallab.

Fil-Ploutos, Aristofani kiteb li waqt li l-fqir ma jkollu xejn żejjed, imma lanqas ikun jonsqu dak li jeħtieġ, il-*Plochós* ma jkollu xejn li xejn (552-554).

Fit-tielet ktieb Istoriai, Erodotu kiteb fuq wieħed li safa' *Ptochós* għaliex tilef kull ma kellu., u ħtieġlu jittallab (14).

Fl-Evanġelju, il-mara li ħabbtejn biss kull ma kellha, u tefgħet-

hom fil-ħażna tal-maqdes ta' Ġerusalemm, hi msejħa *Ptochê* (Mk. 12: 4-243; Lq. 21: 3)

* * * *

*Ptochós* għandha dell ta' tifsira oħra fil-kitba tal-klassiċi u l-filosfi griegi.

Fl-Udusseias, Omeru tkellem fuq *Ptochós* li kien hemm fil-belt ta' Itaka. Huwa ried igħix billi jittallab, u kien magħruf għan-nuqqas ta' rażan fl-ikel u x-xorb (XVIII, 1).

Fil-ħames ktieb tan-Nomoi, Llaton kiteb li l-foqra wkoll għandhom jissejħu biex jaqdu dmir ieħor b'riżq arthom (737). U fil-ħdax-il-ktieb huwa kiteb li lill-bniedem sewwa li jkun wasal għall-*Ptocheia,* għandha tingħatalu l-għajnuna, kemm jekk ikun għani u kemm jekk ilsir, imma l-*Ptochoi* għandhom jitkeċċew mill-pajjiż (936). Ma huma ta' ebda siwi.

Fl-ittra lill-Galatin, lill-ħwejjeġ ta' ebda siwi għan-nisrani, bħalma hu l-ħarsien tad-drawwiet tal-Lhud, San Pawl sejħilhom *Ptochà* (4:9).

* * * *

Terġa' u tgħid, fil-klassiċi u filosfi griegi, l-aġġettiv sostantiv *Ptochós* għandu tifsira oħra. Hi aktar soċjali milli ekonomika.

Hi t-tifsira ta' wieħed li jitgħawweġ taħt it-toqol tal-hemm li jkun fih, jew jintlewa quddiem il-qawwa ta' ħaddieħor, u jokrob għall-għajnuna u l-mogħdrija.

Fil-*Vocabolario della Lingua Greca,* Osvaldo Berrini kiteb li l-bniedem imbażża', li jew jaħrab jew *si rannicchia,* hu *Ptochós.*

Fl-Oidipous Epi Kolonoi ta' Sofokli, Edipus hu msejjaħ *Ptochós,* l-aktar minħabba l-hemm li ġarrab meta ġie mkeċċi minn Tebi, u ma satax jieqaf lil min ħebb għalih (444).

Fl-Agammemnon ta' Eskilu, Kassandra, imnikkta minħabba l-qirda ta' Trojja u mwarrba minn kulħadd, qalet li kulħadd kien qed isejħilha *Ptochê (1274).*

Dan il-lewn fit-tifsira ta' *Ptochós* jixbaħ lit-tifsira li l-Lhud u ġnus semin oħra kienu jagħtu lill-faqar. Għalihom, il-fqir, fuq kollox, hu l-bniedem imwarrab bħallikieku ma kien ta' ebda siwi, li ma għandux il-qawwa meħtieġa biex jieqaf lil min jaħqru u jonqsu mill-ħaqq, u għalhekk jeħtieġ il-għajnuna.

Fil-fqir, il-ġnus semin aktar kienu jqisu dak li bl-ingliż jissejjaħ *low standing,* milli l-qagħda ekonomika. Il-fqir hu fqir, fuq kollox, għaliex ma għandux il-qawwa meħtieġa biex jitħares u jeħodha ma' min jaħqru bla ħtija.

Dan hu l-fqir li Hammurabi wiegħed li jgħin, kif hemm miktub fid-daħla tal-kodiċi tiegħu. Dan hu l-fqir li Assurbanipal indaħal għalih, kif kiteb wieħed tal-qorti tiegħu. Dan hu l-fqir tas-Salmi.

Għalhekk, sa minn żmien Urnammu, li beda t-tielet dinastija ta' Ur, il-ġnus semin kienu fehma sħiħa li d-dmir ewlieni tas-sultan hu li jidħol għal dawk, li, minħabba li ma jkollhomx ġid, ma jkunux jistgħu jieqfu lil min jonqoshom jew jaħqarhom.

* * * *

Fiż-żmien ellenistiku, il-firda kbira bejn it-tifsira ta' *Penía* u dik ta' *Ptocheía* ma baqgħetx hekk sħiħa bħal fi żmien il-klassiċi.

Fil-Kotba Mqaddsa tal-għaqda l-qadima maqlubin għall-grieg, l-aġġettiv sostantiv *Penés* ġie li nkiteb fit-tifsira ta' *Ptochós,* u dan, fit-fit-tifsira ta' *Penés*

Fis-salm 112 hemm miktub li l-bniedem sewwa jqassam u jagħti lill-Pentes (v. 9). Hawnhekk, *Pentes* għandha t-tifsira ta foqra li huma *Ptochoi*.

Min-naħa l-oħra, fi ktieb Għamos hemm theddid għal dawk li jgħaffġu lill-*Ptochós,* u erħilhom jisolħu lil min għandu għatiet ta' qamħ (5: 11). U fi ktieb Isaija hemm theddid għal dawk il-ħakkiema li ma kienux jagħmlu l-ħaqq fis-sewwa mal-*Ptochoi,* u jisirqu ġid l-iltiema (10: 2). Hawnhekk, *Ptochoi* għandha t-tifsira ta' *Pentes,* u t-tifsira ta' *Miskén*.

**(JISSOKTA)**